ĦAL KIRKOP

## Minuti Nru. – 14/10/25

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL KIRKOP
*(Laqgħa B'Urġenza)*

**Data tal-laqgħa:** 29 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fid-9.00 ta' filgħodu

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Assenti:

| | |
|---|---|
| Bernice Caruana | **Viċi *Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

## 14.1 Qari tal-ittri tal-Apoloġiji

14.1.1 L-aġent segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija x'jinqraw. Il-kunsillier Joseph Schembri kien Assenti ħabba raġunijiet mediċi waqt li l-Viċi Sindku Bernice Caruana kienet assenti ħabba konferenza relatata ma' xogħol.

## 14.2 Approvazzjoni dwar x'ħa jsir rigward ix-xelter li nstab

14.2.1. Is-Sindku Matthew Agius Zammit wassal il -kommunikat li issa wara li kienu qegħdin jaħdmu fi Triq il-Kbira biswit Triq in-Nejder, instab wieħed mix-xelters li fuqu kienu għamlu riċerka fuqu s-sur Pierre Balzan u l-Ex Viċi Sindku Joseph Carbone, fl-aħħar kien instab.

14.2.2 Għalhekk is-Sindku Matthew Agius Zammit wera x-xewqa li proċess għal-laqgħa b'urġenza biex il-kunsill jiddiskuti kif l-affarijiet ħa jimxu 'l quddiem f'dan ir-rigward.

14.2.3 Is-Sindku wassal il-messaġġ ukoll li x-xogħol ġewwa f'dawn it-toroq kien hemm daqshekk dewmien fuqhom għaliex ħabba x-xelter kellu jkun hemm bosta devjazjonijiet ħabba xogħol ta'ilma u dawl.

14.2.4 Mill-kunsillera u s-Sindku preżenti ġie deċiż li x-xelter jiġi ppreservat, imnaddaf u jibqa' fl-istat oriġinali tiegħu.

14.2.5 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi staqsiet jekk dan jistax jiġi rranġat mil-entitajiet tal-gvern imbagħad jiġi għand il-Kunsill.

HAL KIRKOP

14.2.6 Għaldaqstant ġie ssuġerit li l-aħjar għażla tkun li l-Kunsill jitlob devoluzzjoni.

14.2.7 Bi qbil unanimu ġie deċiż li dan it-tant ix-xelter għandu jibda jitnaddaf .

14.2.7 Biex dan jibqa' nadif u jinżamm fl-istat tiegħu u jkun hemm manutenzzjoni ħa jkun hemm talba lill-entitajiet u ministeri varji..

14.2.8 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet ukoll rigward jekk hemmx bżonn xi polza t'assigurazzjoni u fuq dan ma kienx hemm tweġiba għalhekk ħa jkun hemm tfitiix f'dan ir-rigward.

14.2.9 Il-Kunsilliera preżenti flimkien mas-Sindku urew ix-xewqa li x-xelter jiġi tal-Kunsill.

## 14.3 Tmiem il-laqgħa

14.3.1 F'dan il- ħin Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

14.3.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss ħa tibqa' kif inhi skedata fis-16 t'April, 2025.

14.3.3 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00am

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Franklan Debono |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |